

32004R1805

19.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 318/9

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1805/2004**tal-14 ta' Ottubru 2004****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2273/93 li jistabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali¹, u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, is-segala hija eskluża mis-sistema ta' intervent mis-sena tas-suq 2004/2005.
- (2) Iċ-ċentri tal-intervant huma stabbiliti fit-tabella tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2273/93² Għalhekk il-kolonna li tikkonċerna s-segala f'dik it-tabella għandha titħassar. Barra minn hekk, ċerti Stati Membri ppreżentaw talbiet biex isiru emendi lil xi wħud minn daww iċ-ċentri.
- (3) Għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 2273/93 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.
- (4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2273/93 huwa emendat b'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

¹ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78.² ĠU L 207, 18.8.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 750/2004 ĠU L 118, 23.4.2004, p. 6).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2273/93 huwa emendat kif ġej:

1. il-kolonna Nru 3 hija mħassra;
2. fis-sezzjoni 'BUNDESREPUBLIK DEUTSCHLAND', iċ-ċentri tal-intervent li ġejjin huma meqjusin ċentri tal-intervent għax-xgħir:

<i>L-art</i>	Ċentri tal-intervent
Brandenburg	Brandenburg, Drebkau, Fürstenwalde, Gransee, Herzberg u Niemegk
Sachsen	Bischofswerda u Eilenburg
Sachsen-Anhalt	Klötze, Rosslau u Tangermünde

3. fis-sezzjoni 'POLSKA', taħt 'Podkarpackie', iċ-ċentru ta' 'Krosno' huwa mħassar